MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 146/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Emanuel Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u inrapprezentanza ta' Maxkim Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skond l-Att XXIII ta' l-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-perjodu minn Lulju 2009 sa Ottubru 2008, naqas li jipproduci dokumentazzjoni, kotba, dokumenti u/jew kontijiet wara li gie mitlub sabiex jaghmel dan permezz ta' posta registrata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u/jew minn rapprezentant tieghu

sabiex jaghmel dan, u dan bi ksur ta' artikoli 53(b) u 76(c) ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tas-17 ta' Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-Artikoli 53(b) u 76(c) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmin mitt Euro (€800).
Il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998 ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax il-euro (€15) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravju tal-appellant li huwa s-segwenti :-
L-artikolu 76 tal-Kap. 406 jghid illi l-pieni pekunjarji huma multi. Konsegwentement dawn huma delitti u mhux kontravenzjonijiet.
Illi l-prosekuzjjoni ghalhekk trid tipprova l-mens rea f'dan il-kaz u m'huwiex reat semplicement tekniku kif kien ikun il-kaz kieku kienet kontravenzjoni.

L-appellant ghamel il-prova illi huwa ghadda l-karti lis-sur Charles Attard illi da parti tieghu ma kienx qieghed jiftiehem preciz min ried id-dokumenti u fejn sab xi talba w seta' jmexxiha ghamel dan u accettat mill-istess sentenza.

Illi fit-terminu illi l-appellant kien qieghed jipprepara ghall-appell dak kollu illi kien mitlub gie wkoll mis-sur Charles Attard maghmul ghas-sodisfazzjoni tal-istess dipartiment.

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz certament m'ghamlitx l-ebda prova tal-mens rea u stante li huwa delitt, fin-nuqqas ta' mens rea ma tistax tinstab htija. Il-mens rea mhix presunta. Fic-cirkostanzi tal-kaz, jidher li

ma kienx hemm l-ebda htija fuq l-appellant, ghax hu ma kienx qed jipprova li jevadi xi obbligu.

Fit-tieni lok, ghall-precizjoni, n-notifika li saret biex jaghti d-dokumenti l-anqas tista' tigi presunta li saret regolarment.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur tal-kumpanija Maxkim Ltd. u hu registrat mal-Kummissarju tal-VAT skond l-Att X111/1998. Qed jigi akkuzat illi naqas illi jipprovdi dokumentazzjoni minn Lulju 2008 sa Ottubru 2008. Irrizulta illi permezz ta' tliet ittri datati 23 ta' Gunju, 18 ta' Awwissu u 8 ta' Ottubru, ta' l-2008 l-appellant intalab jissottometii lid-dipartiment dokumenti, informazzjoni dwar in-negozju tieghu relattivi ghall-perjodu mill-1 ta' Frar sat-30 ta' April, 2006. Din l-informazzjoni qatt ma ntbghatet, izda Brian Degabriele quddiem din il-Qorti, qal illi wara li nqatghet is-Sentenza mill-Ewwel Qorti l-appellant gie jkellmu u tah l-informazzjoni minn Dicembru 2005 sa Dicembru 2006. Dejjem kiteb permezz ta' ittra registrata u gew lura l-pink card, gharaf il-kopji fil-process li kollha ntbghatu fl-indirizz moghti mill-appellant bhala indirizz registrat tal-kumpanija tieghu u cioe' 46, Triq is-Sebh, il-Marsa. Degabriele qal ukoll illi l-appellant ma kienx jigi personalment izda kien jibghat l-accountant tieghu. Xehdet ukoll Claudette Fenech fejn esebiet dokument li juri l-diretturi ta' Maxkin Ltd. kienu Emanuel Ciantar u Maria Diane Ciantar.

L-appellant argumenta illi l-indirizz 46, Triq is-Sebh, il-Marsa toqghod Lucy Ciantar li tigi ommu u m'ghandha x'taqsam xejn mal-kumpanija, peress illi l-policy tad-dipartiment huwa li jzom il-pink card u jesebixxi fotokopja, din il-fotokopja ma tistax tintuza bhala l-ahjar prova.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi huwa minnu illi l-Qorti tirrikonoxxi li d-dipartiment naqas meta ma esebiex il-pink card originali li hi l-ahjar prova, pero' kien hemm provi u dokumenti ohra

x'juru illi l-appellant naqas mid-doveri tieghu versu l-Kummissarju tal-VAT. Lanqas ma jista' jahrab mill-fatt illi baghat l-accountant sabiex jitkellem mad-dipartiment. Dana ma jfissirx illi huwa qed jigi ezonorat mir-responsabilta la darba l-accountant qieghed jitkellem f'ismu. Irrizulta ampjament ippruvat illi l-appellant ottempra ruhu mat-talba li saritlu fit-23 ta' Novemnbru, 2009 meta kellu jibghat l-istess informazzjoni bejn Mejju u Lulju 2008. Ghalhekk dina l-Qorti issib illi l-ewwel Qorti kellha ragun sabiex issib htija, liema decizjoni hija legalment ibbazata fuq il-fatti, l-logika u l-Ligi, ghalhekk ma jispettax lil din il-Qorti li tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-Appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------